REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/371

tas-16 ta' Diċembru 2024

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġġustament tal-valuri TM_0 għall-karozzi ġodda tal-passiġġieri u għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO_2 tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mar-Regolament (UE) 2019/631, mill-2025, il-mases tat-test medji tal-karozzi ġodda kollha tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha ("il-valuri TM_0") iridu jintużaw għall-fini tal-kalkolu tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi għal kull manifattur ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri u għal kull manifattur ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda. Il-valuri TM_0 li jridu jintużaw għall-kalkolu jridu jiġu aġġustati regolarment għall-mases tat-test medji rispettivi tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha rreġistrati.

(2) Il-valuri TM_0 li japplikaw għas-snin 2025 u 2026 iridu jiġu kkalkolati bħala l-massa tat-test medja rispettiva tal-karozzi tal-passiġġieri ġodda kollha u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha rreġistrati fis-snin kalendarji 2022 u 2023. Abbażi tad-*data* ta' monitoraġġ miġbura mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/631, il-massa tat-test medja tal-karozzi ġodda kollha tal-passiġġieri rreġistrati fis-snin kalendarji 2022 u 2023 kienet 1 650,15 kg, u l-massa medja tat-test tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha rreġistrati fis-snin kalendarji 2022 u 2023 kienet 2 161,13 kg. Għaldaqstant, il-valuri TM_0 li japplikaw għas-snin kalendarji 2025 u 2026, imsemmija fil-Parti A, il-punt 6.2.1, u fil-Parti B, il-punt 6.2.1, tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/631, jenħtieġ li jkunu ugwali għal dawk il-valuri.

(3) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/631 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/631 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-Parti A, il-punt 6.2.1, l-entrata TM_0 hija sostitwita b'dan li ġej:

"TM_0 huwa 1 650,15 kg fl-2025 u fl-2026 u l-valur f'kilogrammi (kg) jiġi determinat f'konformità mal-Artikolu 14(1), il-punt (d), fis-snin kalendarji l-oħra.";

(2) fil-Parti B, il-punt 6.2.1, l-entrata TM_0 hija sostitwita b'dan li ġej:

"TM_0 huwa 2 161,13 kg fl-2025 u fl-2026 u l-valur f'kilogrammi (kg) jiġi determinat f'konformità mal-Artikolu 14(1), il-punt (d), fis-snin kalendarji l-oħra.".

([1]) ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/631/oj.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN